MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 275/2004

**The General Soft Drinks Company Limited (C-1591)**

**vs**

**Rinella Entertainment Limited (C-22477)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm2,273.73), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha u dan kif jidher mill-anness rendikont markat "Dok. 1".

Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-iskadenza ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-9 ta' Jannar, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------